# LECTIO DIVINA

# IT-XXXIII ĦADD MATUL IS-SENA (A)

**Mt 25, 14-30**

Parabbola li tkompli ma' ta' qabilha, imma jonqos ħafna l-element allegoriku u jikbru r-riferiment għall-ħajja reali. Hija komuni għal Mt u Lq (19, 12-27). F'Mt x'aktarx li għandna l-verżjoni l-iktar oriġinali, filwaqt li Lq jżejjinha b'dettalji oħra (eż. li s-sid mar vjaġġ 'l bogħod biex isir sultan – riferiment għall-vjaġġ lejn Ruma ta' Arkelaw, iben Erodi l-Kbir fis-sena 4 q.K. biex jiġi ikkonfermat sultan tal-Lhudija). Madanakollu, x'aktarx li Lq hu iktar oriġinali fis-somom tal-flus (il-"mina") waqt li Mt jinvolvi ammonti ferm ikbar (it-"talent"). Jista' jkun li l-parabbola ġiet maħsuba bħala tifsira ta' *Mk* 4, 25, vers appartentament inġust: "Għax min għandu, jingħatalu; u min ma għandux jitteħidlu saħansitra dak li għandu."

Tkompli l-istedina qawwija għas-sahra, imma filwaqt li qabel l-attenzjoni hija fuq il-miġja tal-għarus, issa l-enfasi ddur mal-ħidma li tista' ssir sakemm is-sid għadu msiefer. L-istennija trid tkun waħda attiva, li matulha jitkompla x-xogħol u l-investiment tas-sid. Bla ma jinsa li s-sid għandu jerġa jiġi, il-qaddej għandu jaħdem u jkun fidil daqslikieku l-ġid kien jappartjeni lilu.

**Jiġri bħal wieħed li kien sa jsiefer, sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ħallielhom ġidu f'idejhom. Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed skont il-ħila tiegħu. U siefer.**

Nistgħu nimmaġaw li r-raġel huwa negozjant kbir. Peress li se jsiefer irid jara ma' min se jħalli l-patrimonju kbir li għandu. Jiddeċiedi li jafdah f'idejn tliet qaddejja tiegħu (δούλους - ilsiera) mingħajr ma jtihom istruzzjonijiet speċifiċi x'se jagħmlu bih. Kien jiġri spiss li l-ilsiera kienu jiġu afdati biex jamministraw il-patrimonju tal-qaddejja tagħhom, imma mingħajr ma jkollhom sehem mill-qligħ (li jmur kollu għas-sid). L-amministrazzjoni hija meqjusa bħala prova kbira ta' fedeltà/infedeltà, u għalhekk l-iskop tar-raġel mhuwiex biss wieħed prattiku, imma biex jgħaddi l-qaddejja tiegħu minn prova. Is-somom li ġew afdati lilhom huma enormi: talent jammonta għal 6,000 dinar (dinar huwa l-paga ta' ġurnata). Is-sid jaf tajjeb lill-qaddejja u l-ħiliet tagħhom, u allura jqassam b'mod differenti: "Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u

l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih." (*1 Kor* 10, 13). Mt għandu għal qalbu l-għarfien tad-diversità umana u tal-ħlas (cfr., 13, 23). Lanqas it-tielet wieħed ma jiġi mwarrab jew ikkundannat minn qabel.

**Dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra. Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra.**

Għalkemm hawn m'għandna l-ebda informazzjoni dwar kif tħaddmu, minn v.27 niddeduduċu li t-talenti tqiegħdu l-bank. Huwa magħruf li l-Lhud kellhom banek fil-bliet ewlenin tal-Imperu, b'sistema li tixbah ħafna lil ta' żmienna. Imma biex l-imgħax jikber ma kienx biżżejjed li wieħed jiddepożita l-flus, imma ried l-ħin kollu jikkontrollahom u jerġa' jinvesti. L-ewwel żewġ qaddejja ma jagħmlux azzjoni ta' darba, imma hija inizjattiva kontinwa. "Għalhekk inħeġġek biex iżżomm ħajja l-grazzja ta' Alla li għandek fik bit-tqegħid ta' idejja". (*2 Tim* 1, 6).

**Iżda dak li ħa wieħed, mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu.**

L-azzjoni ta' dan il-qaddej tirrifletti ċertu biża' u inċertezza. Xi ħaġa bħal din kienet issir fi żmien il-gwerra, biex jekk l-għadu jinvadi l-bliet u jidħol fid-djar, ikun hemm ċans li l-flus jiġu salvati. Barra minn hekk, id-dritt rabbiniku kien jgħid li jekk wieħed jidfen depożitu, f'każ li jinsteraq xorta waħda mhuwiex obbligat li jrodd lura s-somma. Allura dan kien mod kif wieħed iqiegħed lilu nnifsu fiż-żgur, ma jesponix ruħu għar-riskji, u jieħu l-prekawzjonijiet kontra dak li s-sid jista' jippretendi. Id-differenza fil-personalità u fl-atteġġjament mill-ewwel tnejn hija evidenti. Filwaqt li s-sejħa ta' Alla hija dejjem "La tibżax"[1], dan il-qaddej jinħakem mill-atteġġajment kuntrarju: "[...] għax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan" (*2 Tim* 1, 7).

**Wara ħafna sid dawk il-qaddejja reġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom. Resaq quddiemu dak li kien ħa ħames talenti u ġieblu ħames talenti oħra: "Sinjur – qallu – ħames talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt ħamsa oħra." Qallu s-sinjur: "Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien sa nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek." Resaq ukoll dak li kien ħa żewġ talenti [...]**

Fl-antikità is-sid ma kienx obbligat jagħti paga lil-qaddejja/skjavi tiegħu, imma kien joffrilhom li jgħixu minn dak li hu tiegħu. Dawn iż-żewġ qaddejja jagħtu prova ta' fedeltà għaliex ħadmu biex ikabbru (bil-100%) l-ġid tas-sid, u allura juru li, biż-żmien, l-interess tas-sid sar ukoll l-interess tagħhom. Juru li nsew is-suċċess personali meta ma ippruvawx iżommu għalihom xi ftit mill-qligħ enormi li għamlu, imma raddew kollox lura. Dan hu l-atteġġjament li d-dixxiplu għandu jkollu għas-Saltna: "Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef lil ħajtu minħabba fija jsibha." (*Mt* 10, 39). Il-somma kbira ta' flus hija meqjusa "ftit" minħabba li l-qaddej fidil "jerġa' jirċievi kollox għal mitt darba iktar,

[1] *Ġen* 15, 1; 26, 24 (Abram); 46, 3 (Ġakobb); *Imħ* 6, 23 (Gidgħon); *Is* 35, 4 (il-poplu ta' Alla); *Ġer* 1, 7-8 (Ġeremija); *Dan* 10, 12 (Danjel); *Mt* 1, 20 (Ġużeppi); *Lq* 1, 13 (Żakkarija); 1, 30 (Marija); 5, 10 (Pietru); *Atti* 27, 24 (Pawlu);

u jieħu b'sehmu l-ħajja ta' dejjem". (19, 29). Il-komunità hija msejħa biex iżżomm quddiem għajnejha il-"ħafna" li d-dixxipli huma msejħin għalih.

**Iżda resaq ukoll dak li kien ħa talent wieħed, u qal: "Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx. Bżajt u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art: hawn, ara, għandek dak li hu tiegħek."**

Mis-silta nistgħu nassumu li, sa ftit qabel, dan il-qaddej kien rasu mistrieħa li għamel biżżejjed u li s-sid ma jista' jgħidlu xejn. Iżda x'ħin jara dak li għamlu sħabu, iħoss il-bżonn li jiġġustifika ruħu, u jagħmel dan billi jakkuża lis-sid. Fl-iskuża li jġib joħorġu l-problemi fundamentali tiegħu: il-biża' u d-distakk minn sidu (dak li ġie afdat lilu jqisu bħala "dak li hu tiegħek"). Juri l-mentalità ta' *defense mechanisms* li bihom jilludi lilu nnifsu u jipprova jsib raġunijiet validi għal imġiba li hi biss ta' min jistmerrha. (cfr., *Ġen* 3, 10)

**Qabeż is-sinjur u qallu: "Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn ma żrajtx u niġbor fejn ma xerridtx. Mela kien imissek mort u qegħidt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur niġborhom bl-imgħax.**

Il-qaddej jiġi mixli mhux minħabba xi falliment tiegħu (il-falliment huwa possibli meta jkun hemm investiment), imma li hu "ħażin", kelma li fl-Iskrittura hija spiss użata biex tiddeskrivi lix-Xitan: nuqqas serju ta' mħabba u dedikazzjoni lejn Alla. Is-sid iwieġeb lill-qaddej bl-istess kliem tiegħu u juri l-assurdità tal-iskuża li ġab. Il-fatt li s-sid kien jaf minn qabel li l-ħiliet tiegħu huma limitati għal fejn tal-oħrajn, ma jnaqqas xejn mill-infedeltà tiegħu.

**Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti. Għax kull min għandu jingħatalu u jkollu żżejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu. U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien."**

Biex jagħti raġuni tal-għażla tiegħu – li t-talent tal-qaddej ħażin jingħata lil dak li għandu l-iktar – is-sid jirrikorri għal qawl li jirrifletti l-isfond kapitalisitku-finanzjarju tal-parabbola. Fil-kotba sapjenzjali nsibu analoġiji ma' dan il-qawl (eż. "Għallem lill-għaref, u jsir iżjed għaref; għarraf lill-ġust, u iżjed jitgħallem" [*Prov* 9, 9]). Huwa wżat ukoll minn Ġesù (cfr., *Mt* 13, 13; *Mk* 4, 25; *Lq* 8, 18). Il-verbi fil-passiv jalludu għal azzjoni ta' Alla u mhux għal deċiżjoni tal-bniedem li jiddeċiedi li jieħu hu iktar milli għandu. Iż-żjieda fit-talenti hija għażla gratuwita ta' Alla. Jekk isibu art tajba, id-doni tiegħu joktru, filwaqt li jekk isibu min jirreżisitihom jistgħu jittieħdu lura. "Ladarba qegħdin naħdmu flimkien ma' Alla, aħna mela nħeġġukom biex ma tirċevux il-grazzja tiegħu għal xejn." (*2 Kor* 6, 1)